MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 252/2006

Il-Pulizija
**(Spt. S. Tanti)**
**Vs.**
**Dennis Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer Maltin, meta b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta'Jannar, 2006 u Frar 2006, meta hekk kien ordnat minn xi Qorti jew hekk marbut b'kuntratt (digriet 85/05) mahrug mill-Onor. Imhallef Dr. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D, naqas li jaghti lil martu Sylvana Sammut is-somma ffisatata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w ghall-minuri fi

zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt jkollha tithallas dik is-somma.

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Lulju, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 kif ukoll l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant ikkundannatu ghal terminu ta' detenzjoni ghal zmien xahar (1).**

**Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta'Lulju 2006 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi minflok issibu hati ghall-akkuza migjuba kontrieh, tilliberah minnha, w fi kwalunkwe kaz tirreduci l-piena moghtija.**

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi fis-seduta tal-lum mart l-akkuzat Sylvana Sammut xehdet bil-gurament u ddikjarat li fil-mori tal-appell l-appellant hallas kollox u jinsab aggornat fil-pagamenti tal-manteniment sal-lum u li in vista ta' dan ma tinsistix li tibqa' ssehh is-sentenza ta' detenzjoni kontra zewgha.**

**Rat il-verbal li bih Dr. Tonnna Lowell ghall-prosekuzzjoni, in vista ta' dan l-izvilupp, qabel li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.**

**Rat il-verbal li bih Dr. Noel Camilleri ghall-appellant iddikjara li l-appellant kien qed jirtira l-aggravji kollha hlief dak li jirrigwarda l-piena.**

**Rat in-nota ta' cessjoni prezentata mill-istess Dr. Noel Camilleri f'dan is-sens.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti l-iskop tal-legislatur meta introduca din id-disposizzjoni tal-ligi xi snin ilu ma kienx biss dak li jippunixxi l-hati**

**ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati jew ta' xi obbligu assunt b' xi att notarili li jkun gie approvat mill-Qrati – ordnijiet u obbligi li ghandhom jigu dejjem skrupolozament osservati – imma wkoll li jezercita pressjoni fuq pagaturi rilluttanti biex iwettqu l-obbligi taghhom bil-hlas tal-ammonti dovuti (ara App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Sigismondo Mifsud" **[12.10.2006] u ohrajn ).**

**Illi dan il-ghan f'dan il-kaz issa ntlahaq fil-mori ta' dan l-appell bil-hlas ta' l-arretrati kollha dovuti sal-lum kif ukoll bl-impenn assunt mill-appellant bil-verbal fuq imsemmi.**

**Ghalhekk jidher li hemm lok ghal temperament fil-piena erogata.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' limitatament l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata w filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' xahar detenzjoni u minflok, tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) li trid tithallas illum stess, u fin-nuqqas tigi konvertita f'hamest ijiem detenzjoni skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------